# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Guramentat Nru: 453/2021GG**

**Mary Shephard (K.I. 805451M)**

**vs**

**Emanuel Shephard (K.I. 748851M)**

Kawza Nru: 4

Illum 7 ta' Jannar 2025.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat[1] tal-attrici Mary Shephard, ipprezentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-10 ta' Mejju 2021, bis-segwenti premessi u talbiet:

**A. <u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>**

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' April tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) u sussegentament isseperaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat hmistax

[1] Fol. 1 sa 4

(15) ta; Lulju elfejn u erbgha (2004) ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino.

2. Illi waqt iz-zwieg tal-partijiet il-konvenut kien ghamel impjegat mal-British Airforce u kien ghalhekk hemm il-possibilta illi jircievi pensjoni ghas-snin ta' servizz illi huwa ghamel.

3. Illi l-partijiet hasbu ghal din il-possibilta fil-kuntratt ta' seperazzjoni taghhom u filfatt, fil-klawsola numru 6F tal-kuntratt ta' seperazzjoni personalli msemmi kienu stipulaw illi "*The parties agree that if the Husband receives any pension from the British Airforce, the said pension shall be divided equally between the parties. This applies also for any lump sum the Husband shall receive in connection to the said pension. The wife is entitled to obtain any information regarding the said pension or lump sum that may be paid in one payment, which information may be obtained via the British High Commission in Malta, or through correcpence with the competent Authorities. The Husband is hereby giving his irrevocable consent for this purpose*"

4. Illi l-esponenti pruvat kemm il-darba tikkonsegwi informazzjoni dwar jekk il-konvenut kienx qieghed jircievi pensjoni relatata mas-servizz tieghu fil-British Airforce, izda baqghat minghajr tali informazzjoni, u dan minkejja illi ghamlet kuntatt ma' diversi entitiatjiet ghal dan l-iskop wara illi l-British High Commission f'Malta informat lill-esponenti illi hija ma tiehux hsieb kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' pensjonijiet u ma jkollha l-ebda informazzjoni dwarhom.

5. Illi minn naha tieghu il-konvenut qatt ma ta xi informazzjoni lill-esponenti dwar kwalunkwe pensjoni u/jew lump sum li huwa rcieva jew ghadu qed jircievi ghas-servizz

tieghu fil-British Airforce, u wkoll qatt ma ghaddielha xi pagament relattiv ghal tali pensjoni u/jew lump sum.

6. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma konoxjenza diretta tal-esponenti.

**<u>Ragunijiet ghat-Talbiet tar-Rikorrent</u>**

7. Illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghati informazzjoni lill-esponenti dwar kwalunkwe pagament li rcieva jew ghadu jircievi ghal finijiet tal-klawsola 6F tal-kuntratt ta' seperazzjoni konkluz bejn il-partijiet u sabiex jghaddilha nofs kwalunkwe pagament li huwa rcieva, huwa baqa' inadempjenti u dan minghajr raguni valida fil-ligi, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

8. Illi in oltre, u in vista tal-intransigenza tal-konvenut fl-adempiment tal-obbligi kontrattwali, f'kaz li jkun jirrizulta illi l-konvenut qieghed jippercepixxi pensjoni ghas-servizz tieghu fil-British Airforce, jidher illi jehtieg illi l-konvenut jigi ordnat li jiehu dawk il-passi necessarji sabiex nofs din il-pensjoni tigi mhallsa direttament lill-esponenti, u dan sabiex jigu evitati kawzi multipli.

**<u>Talbiet</u>**

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tordna lill-konvenut jghati rendikont tal-pensjoni u/jew qieghed jircievi ghas-servizz tieghu fil-British Airforce;

2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-esponenti nofs dik is-somma illi tirruzulta li huwa ippercipixxa skont dan ir-rendikont;

3. Tordna lill-konvenut sabiex jiehu l-passi kollha necessarji biex nofs il-pensjoni jew lump sum li ghad irid jircievi ghas-servizz tieghu fil-British Airforce tibda tithallas direttament lill-esponenti.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3561/2020 kontra l-konvenut, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2].

Rat ir-Risposta Guramentata[3] mressqa mill-konvenut fit-13 ta' Settembru 2021, li permezz taghha eccepixxa li:

1. Illi principarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.
2. Illi fi' kwalunkwe kaz l-eccipjent ma ghandu jhallas xejn lill-attrici.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

[2] Fol. 11 sa 25
[3] Fol. 38

Rat id-dokumenti ezibiti mill-partijiet u mix-xhieda mressqa minnhom.

Semghet lix-xhieda mressqa quddiemha mill-partijiet, u rat it-traskrizzjoni tax-xiehda li lahqet instemghet quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri taghhom.

**Ikkunsidrat li:**

1. Din hija kawza ghall-ghoti tat-taghrif, u ghall-hlas ta' dik il-parti mill-hlasijiet ta' pensjoni u *gratuity*, li tirrizulta percepita mill-konvenut mill-*British AirForce*, fit-termini ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' firda ta' bejniethom pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino tal-15 ta' Lulju 2004.

2. Il-klawsola rilevanti mill-kuntratt hija s-segwenti:

> F. The parties agree that if the Husband receives any pension from the British Airforce, the said pension shall be divided equally between the parites. This applies also for any lump sum the Husband shall receive in connection to the said pension. The Wife is entitled to obtain any information regarding the said pension or any lump sum that may be paid in one payment, which information may be obtained via the British High Commission in Malta, or through correspondence with the competent Authroities. The Husband is hereby giving his irrevocable consent for this purpose.[4]

3. Fir-rigward tal-obbligu tal-manteniment ta' bejniethom, il-kontendenti kienu ddikjaraw is-segwenti:

> 4. The parties spouses Shepard [recte: Shephard] hereby declare that due to verified behaviour that according to law brings forfeiture, from the right to claim and receive maintenance from one another in an absolute manner, they have incurred forfeiture from the said rights. It is being declared that the forfeiture established in this Article is definite and remains valid even if there are changes in circumstances in respect of the parties or during the publication of this deed, new circumstances are verified that according to law, may or may have given rise to the said forfeiture.

[4] Fol. 8

4. L-attrici ressqet kopja ta' korrispondenza legali[5] li ghaddiet bejn il-konsulenti legali taghha u ufficjali amministrattivi ghall-Gvern Ingliz, f'Malta u barra, b'risposti li juru li t-taghrif mitlub minnha dwar jekk il-konvenut filfatt irceviex, jew hux jircievi, hlasijiet ta' pensjoni mill-Gvern Ingliz, effettivament qatt ma nghata lilha.

5. Fl-affidavit[6] taghha, l-attrici rreferiet ghall-klawsola "F" fuq riprodotta, u qalet li l-konvenut kien jahdem mal-*British Airforce*, u ghamlu anke hames snin jghixu fl-Ingilterra minhabba f'dak ix-xoghol. Skond hi, ghamlu dan biex jiehdu somma ta' £2000 u biex eventwalment jircievu l-pensjoni. Hija spjegat it-tbatija li dan l-arrangament kien holoq ghaliha dak iz-zmien. L-attrici kompliet tghid li l-konvenut dejjem irrifjuta li jaghtiha t-taghrif mehtieg dwar din il-pensjoni, u l-istess gara meta t-taghrif talbuh l-avukati taghha minghand l-awtoritajiet kompetenti. Qalet ukoll li kienet interpellat lill-konvenut biex ihallasha sehemha minn din il-pensjoni b'ittra uffijcali tas-27 ta' Ottubru 2020, pero' baqa' ma hallasx. Il-kopja ezibita fl-atti ta' din l-ittra ufficjali pero' turi li l-konvenut qatt ma kienet notifikata lill-konvenut.[7]

6. Mressaq jixhed mill-attrici, il-konvenut[8] ikkonferma li ghamel zmien fiz-zwieg tal-partijiet impjegat mal-*AirForce* Ingliza, bejn is-snin 1971 u 1982. Meta spicca, qal li kien ircieva l-paga ta' sitt xhur, u mbaghad ha pensjoni meta ghalaq 65 sena. Din il-pensjoni kien ghadu jirceviha meta xehed, u kienet tammonta ghal £270 fix-xahar. Qal ukoll li kien jirceviha b'cekk, li kien isarrfu. Barra l-pensjoni, qal li rcieva wkoll somma ta' £8000. Meta rega' xehed, qal li l-pensjoni mill-Ingilterra beda jehodha ta' 61 sena, cioe' 9 snin qabel xehed. Qal li s-somma kapitali kien iddepozitaha fil-bank APS. Rinfaccjat bl-entrata fil-kont bankarju li taqra depozitu ta' £6200[9], il-konvenut qal li kien zamm xi flus minnhom u ddepozita l-bilanc. Din il-pensjoni kien ghadu jirceviha sakemm xehed. Huwa kkonferma li, minn din il-pensjoni, qatt ma hallas xejn lill-attrici.

7. L-attrici ressqet b'xhud taghha lir-rapprezentanti tal-banek ewlenin, li pprezentaw rendikonti tal-kontijiet bankarji tal-

---

[5] Fol. 13 sa 25
[6] Fol. 48 sa 49
[7] Fol. 71 sa 72
[8] Ara xiehda, 18.1.2022 u 1.3.2022, fol. 77 sa 81 u fol. 83 sa 90
[9] Li pero' tirrizulta li hija biss trasferiment ta' fondi minn kont bankarju ghal iehor tal-konvenut, ara Doki. CPR1 sa CPR4

konvenut.[10] Inoltre, l-avukat Patrizia Salerno in rapprezentanza tal-APS Bank prezentat kopja ta' diversi cekkijiet mahrugin mill-*HM Paymaster General* favur Mr E Shephard bejn Jannar 2013 u Settembru 2018[11], u li kienu depozitati fil-kont ta' tfaddil fil-munita Ingliza li l-konvenut kien izomm mal-istess bank bin-numru 2xxxxxxxxx1.[12]

8. Permezz ta' affidavit[13], il-konvenut iddikjara li kien mgharraf mill-agenzija kompetenti b'ittra tal-5 ta' Dicembru 2011, li kellu pensjoni tas-servizz fl-ammont ta' £2755.90 mill-10 ta' Ottubru 2011, u *terminal gratuity* ta' £8267.70. L-ewwel hlas li rcieva kien ta' £375.11 fit-12 ta' Dicembru 2011, u mbaghad beda jircievi £229.66 kull xahar minn Jannar 2012. Il-hlas kien isir fl-ahhar jiem ta' kull xahar. Minn sena 'l hawn, il-pensjoni qed tkun depozitata f'kont li ghandu mal-Bank of Valletta plc[14]. Qal li, meta xehed, il-pensjoni li kien jircievi kienet fl-ammont ta' £275 fix-xahar.

9. Il-konvenut kompla jghid li, mis-sena 2012 'il quddiem, beda jircievi wkoll il-pensjoni kontributorja tas-Sigurta' Socjali f'Malta, pero' d-dipartiment beda jnaqqaslu l-ekwivalenti tal-pensjoni li kien jircievi mill-Ingilterra, mill-pensjoni pagabbli minnu, kull erba' gimghat. Dan ifisser, skond hu, li huwa jircievi biss il-pensjoni li huwa intitolat ghaliha minn Malta, b'mod komplessiv, u ma jircievi xejn zejjed bhala pensjoni mill-Ingilterra. Minhabba f'dan it-tnaqqis, meta sar intitolat ghall-pensjoni, minflok €476.46 kull erba' gimghat, beda jircievi €314.20 kull erba' gimghat. Fis-sena 2013, b'mod komplessiv, miz-zewg pensjonijiet dahhal €628.45 fix-xahar. Skond hu, minhabba f'dan l-arrangament, mis-sena 2012 sakemm xehed, huwa tilef €36,000.[15] Il-konvenut jinsisti li qatt ma kien jaf li ser jithaddem mieghu dan l-arrangament mis-servizzi socjali f'Malta, ghax kieku ma kienx imur jahdem l-Ingilterra. Dejjem tawh impressjoni li l-pensjoni tas-servizz fl-Ingilterra kienet ser tkun addizzjonali ghall-pensjoni kontributorja f'Malta, u mhux parti minnha.

10. Minn aspett usa' ta' arrangament ta' firda ma' martu, il-konvenut qal li l-uniku dhul tieghu llum gej minn dawn il-

[10] Doki. LA1 sa LA9 prezentati minn Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank; Doki. JB1 sa JB4 prezentati minn Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc u Doki. CPR1 sa CPR4 prezentati minn Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza ta' APS Bank

[11] Fol. 114 sa 144

[12] Ara xiehda, 25.10.2022, fol. 112 sa 113; ara wkoll Dok. CPR4. Numru redatt mill-Qorti.

[13] Fol. 147 sa 154

[14] Ara Dok. JB1

[15] Ara prospett, Dok. 10, fol. 166

pensjonijiet u m'ghandux minn fejn ihallas xi ammont lill-attrici. Qal li hija ghandha dhul indipendenti oghla minn tieghu, u li hadet proprjeta' ingenti meta nfirdu. Huwa ddikjara li s-somma kapitali li rcieva inhadmet fuq is-snin ta' servizz li ta, li tnejn minnhom kienu qabel iz-zwieg, u ghalhekk l-attrici ma tistax tistenna nofs dak il-hlas ukoll.

11. Meta ressaq lill-attrici tixhed[16], din spjegat kif fl-1993 kienet harget tahdem ghaliex il-konvenut ma kienx bil-ghaqal fil-flus. Ix-xoghol taghha kien jikkonsisti filli hadet hanut, u baqghet tahdem fih sakemm bdiet tircievi l-pensjoni fis-somma ta' madwar €750 fix-xahar Dwar id-dar tas-Swieqi, li kienet assenjata lilha mal-firda, hija qalet li ghamlet spiza ta' €20,000 biex qasmitha, u kriet parti minnha, u l-parti li tikri taqla' €50 f'kera kuljum minnha. Dwar il-fond fl-Isla, ukoll assenjat lilha mal-firda, hija qalet li tikrih €350 fix-xahar.

12. Il-konvenut ressaq b'xhud tieghu lir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali[17]. Dan ikkonferma li l-konvenut beda jircievi l-pensjoni kontributorja b'effett mit-13 ta' Otubru 2012, u pprezenta rendikont tal-hlasijiet kollha hekk maghmula lilu[18]. Dwar l-attrici, l-istess xhud ezibixxa wkoll rendikont shih tal-pensjoni mhallsa lilha b'effett mis-7 ta' Jannar 2012[19]. Ix-xhud ikkonferma li, sas-sena 2022, id-dipartiment kien inaqqas l-ekwivalenti tal-pensjoni mhallsa mill-esteru lill-pensjonant Malti, mill-pensjoni shiha altrimenti dovuta lilu, sabiex l-ammont komplessiv imhallas minn Malta u mill-esteru kien jigi ekwivalenti ghall-pensjoni shiha dovuta lilu mid-dipartiment tas-sigurta' socjali f'Malta. Is-sistema nbidlet fis-sena 2023, meta allura l-pensjonant beda jircievi pensjoni shiha kontributorja.[20]

**Ikkunsidrat ukoll li:**

13. Qabel kull kunsiderazzjoni ohra, din il-Qorti ser tqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bl-ewwel eccezzjoni taghhom, bazata fuq l-**art. 2156(f)** tal-**Kodici Civili**. Din id-disposizzjoni tipprovdi hekk:

[16] Ara xiehda, 19.4.2023, fol. 170 sa 176
[17] Ara xiehda, 23.11.2023, fol. 208 sa 215
[18] Fol. 182 sa 193
[19] Fol. 195 sa 206
[20] Fol. 212

**2156.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:

…

(f) l-azzjonijiet **għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor** li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew **ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku**;[21]

14. Hija gurisprudenza kostanti li *"l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas ta' l-azzjoni ntentata minnha. Fuq dan il-punt il-Korporazzjoni appellanti ghandha l-konfort ta' dak sostenut mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"Alexander Gray Bannerman et –vs- John Camilleri et"**. "Hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika"*.[22] Fuq l-istess linja, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Ministru tal-Ambjent et** iddikjarat li *"Kif gie ritenut fis-sentenza Frank German v. Domenico Azzopardi deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950 "(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju (Kollezz Vol. XXXIVB-III-7465 , ara wkoll fl-istess sens, Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar deciza fit-22 ta' Ottubru 1953; George Muscat v. Carmelo Zammit deciza fis-26 ta' April 1961 Vol. XLV-II-652; Gaetano Farrugia v. Philip Magri deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri)). Minn dan isegwi li ghall-finijiet ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-azzjoni konvenuta huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura ta' l-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mill-attur."'* [23]

15. Jirrizulta car mill-att promotur li d-drittijiet prosegwiti b'din l-azzjoni mill-attrici huma kollha bazati fuq l-att pubbliku ta' firda li l-kontendenti kienu ffirmaw fil-15 ta' Lulju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino, u ghalhekk din l-azzjoni ma tista' qatt taqa' fil-parametri tal-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut.

16. Bit-taghrif migbur mill-provi li tressqu f'din il-kawza, l-ewwel talba tal-attrici tirrizulta sodisfatta. Fl-att promotur, hija

[21] Enfasi ta' din il-Qorti

[22] **Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Oil and Construction International Ltd**, Appell (Inferjuri), 28.4.2004

[23] **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Ministru tal-Ambjent et**, Appell, 25.2.2005

spjegat id-diffikulta' li kellha sabiex tottjeni dan it-taghrif, u uriet ukoll li kull tentattiv li ghamlet bil-kitba ghal dak il-ghan kien falla. Effettivament, pero', mid-dokumenti ezibiti mill-konvenut innifsu, u mir-rendikonti bankarji, dan it-taghrif issa nghata u ghalkemm, mhux b'mod shih, l-istampa fattwali fir-rigward hija bejn wiehed u iehor shiha.

17. Irrizulta pruvat li, b'effett mill-10 ta' Ottubru 2011, il-konvenut beda jiehu pensjoni mensili taht l-*Armed Forces Pension Scheme*. Dak iz-zmien, ir-rata annwali kienet £2755.90. Barra l-pensjoni mensili, huwa rcieva wkoll somma kapitali, bhala "*Terminal Gratuity*" fl-ammont ta' £8267.70.[24] L-ewwel hlas li rcieva kien ta' €375.11 u sar fit-12 ta' Dicembru 2011, mis-sena ta' wara huwa beda jircievi hlas fis-somma ta' £229.66 fix-xahar, liema ammont baqa' jkun rivedut kull sena. Hekk fis-sena 2013, jirrizulta li kien jammonta ghal €246.92, u mbaghad zdied ghal £251.68 u £256.63 fix-xahar fl-2016, fis-sena 2017 kien £256.44 u fis-sena 2018 zdied ghal £264.16, fl-2020 zdied ghal £298.70, u mbaghad ghal £320.82 fl-2021.[25] Dawn l-ammonti l-Qorti siltithom mid-dokumenti ezibiti mill-banek, fuq talba tal-attrici, ghaliex il-konvenut baqa' ma tax rendikont shih u dettaljat tal-ammonti shah li rcieva in linea ta' pensjoni bejn 2011 u llum mill-esteru taht din l-iskema. Din il-Qorti tinnota li, bejn wiehed u iehor, dawn jaqblu wkoll mal-entrati dwar pensjoni mensili fl-iskeda li pprezentat l-attrici fl-ahhar stadju tal-kawza[26], u li ghaliha l-konvenut ma ressaq ebda kritika.

**Ikkunsidrat ukoll li:**

18. M'hemmx kwistjoni li, bil-kuntratt tal-firda, il-konvenut intrabat li jhallas lill-attrici nofs il-pensjoni, u kull hlas kapitali, li jircievi minghand il-*British Airforce*, jekk effettivament jircievi dawk il-hlasijiet. L-obligazzjoni fil-klawsola "F" tal-kuntratt ta' firda hija cara, u ghalhekk japplikaw ghaliha s-segwenti disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwenzi legali:

> **992**. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.
>
> (2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

[24] Fol. 158
[25] Ara Dok. JB1
[26] Ara Nota tal-Attrici pprezentata fil-5 ta' Awissu 2024

> **993.** Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

19. Il-kundizzjoni patwita fil-Klawsola "F" hija wahda ta' natura rizoluttiva u ladarba sehhet bill-pensjoni u s-somma b'kumpens mhallsa lill-konvenut, u ladarba l-obligazzjoni ma nbidlitx, allura jsegwi li l-konvenut kien obbligat jivversa l-hlasijiet pattwiti lill-attrici. L-argumenti marbuta mal-mezzi ahjar li ghandha l-attrici, jew mal-beneficcju akbar li gawdiet wara l-firda ta' bejniethom, jew mal-htijiet jew nuqqas taghhom fiz-zmien tal-firda, li ressaq il-konvenut f'din l-istanza huma semplicement tentattiv fjakk hafna biex jibqa' jevadi minn dan l-obbligu tieghu u ma ghandhom ebda relevanza fil-kwistjoni odjerna. Mill-korp tal-kuntratt ta' firda, huwa car li dan il-hlas miftiehem ma jikkostitwix hlas ta' manteniment. Il-kontendenti kienu ddikjaraw bi qbil li t-tnejn kellhom htijiet ghall-firda, u li minhabba f'hekk, it-tnejn kienu ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (ara klawsola 4 tal-kuntratt ta' firda). Dana jfisser allura li l-hlas dovut mill-konvenut lill-attrici, skond klawsola "F", huwa pagabbli lilha wara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u bhala parti minn sehemha mill-gid kompriz fiha.

20. Sakemm din l-obbligazzjoni unilaterali ma tinbidilx, bi ftehim jew b'sentenza ta' Qorti kompetenti – u dan qed jinghad fid-dawl tal-allegazzjonijiet tal-konvenut li kkuntratta dan l-obbligu b'rizultat ta' xi zball ta' fatt, ghaliex kien zgwidat mill-ufficjali amministrattivi li kien irrikorra ghandhom biex jitlobhom taghrif dwar il-pensjoni li kien ser ikun intitolat ghaliha f'Malta meta jilhaq l-eta' pensjonabbli – il-konvenut jibqa' obbligat fit-termini stretti taghha. Mhux rilevanti jekk filfatt, komplessivament, hux jibqaghlu fil-but din il-pensjoni mhallsa lilu ghas-servizz li ta lill-*Airforce* Ingliza, jew jekk hux ser taghmillu differenza finanzjarja jhallasx il-parti dovuta lill-attrici jew le, jew jekk xi parti mill-*gratuity* thallsitx lilu ghal servizz li ta qabel iz-zwieg. L-obbligu fi klawsola "F" tal-kuntratt ta' firda, li qed tipprosegwi l-attrici b'din l-azzjoni, ma kien assoggettat ghall-ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet l-ohra.

21. Ghaldaqstant, filwaqt li ser tilqa' t-tieni talba attrici in kwantu diretta biex tottjeni dikjarazzjoni li l-konvenut huwa debitur favur l-istess attrici ghar-rigward ta' nofs is-somma li rcieva ghas-

servizz tieghu lill-*British Airforce*, din il-Qorti ser tghaddi issa biex tikkwantifika dan il-hlas hekk dovut.

22. Kif ga inghad aktar 'il fuq, il-konvenut ma pprezentax rendikont shih tal-hlasijiet maghmula lilu, u ghal dan in-nuqqas, ghamlet tajjeb l-attrici bl-iskeda li pprezentat fl-ahhar stadju tal-kawza. Kif ga inghad ukoll, din il-Qorti fliet sewwa din l-iskeda, u qabblitha mar-rizultanzi dwar il-hlasijiet tal-pensjoni li dahlu fil-kontijiet bankarji tal-konvenut, u jidhrilha li, fuq bilanc ta' probabiltajiet, dan ir-rendikont ghandu mis-sewwa fejn jirrigwardja l-hlas tal-pensjoni. Din il-Qorti pero' ma taqbilx mal-entrata li ddahhlet fih u li taqra *"lump sum"*. Ghalkemm kienet inserita figura ta' £8000, mill-provi li ressaq il-konvenut innifsu jirrizulta li s-somma mhallsa lilu kienet fl-ammont ta' £8267.70[27]. Din il-Qorti lanqas ma taqbel li ghandu jkun hemm xi aggustament ta' dan l-ammont biex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Minn imkien fl-obbligu kuntrattat bejn il-partijiet ma tirrizulta xi konsegwenza miftiehma ghal hlas tardiv. F'dak in-nuqqas, kienu jkunu japplikaw id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Civili dwar il-hlas ta' imghax, bhala danni ghad-dewmien meta l-oggett tal-obligazzjoni huwa l-hlas ta' somma determinata, kif stipulati fl-**art. 1139** u **1141(2)** tal-Kodici Civili, kieku l-attrici talbet il-hlas tal-imghax, liema talba pero' ma tressqitx fl-att promotur.

23. Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ssib li l-komputazzjoni tal-attrici ghandha tkun aggustata biex takkludi l-hlasijiet tal-pensjoni maghmula sal-ahhar tas-sena 2024, li jaghti total ta' €51,423.10 (wiehed u hamsin elf, erba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmu), u flimkien mas-somma ta' €9,456.48 "Gratuity Payment", jammontaw ghall-hlas komplessiv ta' €61,196.02, li minnu l-konvenut irid jirrifondi nofs lill-attrici. Dan in-nofs dovut lill-attrici jammonta ghal tletin elf, hames mija u tmienja u disghin Ewro (€30,598).

24. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tiddisponi mit-talbiet attrici kif gej:

**(i) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;**

[27] Fol. 158

**(ii) tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' tletin elf hames mija u tmienja u disghin Ewro (€30,598).**

**(iii) tilqa' t-tielet talba.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut kompriz dawk kif mitluba fl-att promotur.**

____________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

____________________________

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**